**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 88/2024 GG**

**John Agius ID 0256465M**

**vs.**

**Jane Agius ID 157267M**

Illum 18 ta' Lulju, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' John Agius konfermat bil-gurament u ppreżentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Gunju, 2024 li bih talab il-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni sabiex izzomm lill-intimata milli "[sic] jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija" konsistenti fil-kiri tal-fond 43, Llwien, Flat 3, Triq iz-Zebbuga, Gudja, wara li l-Qorti Civili Sezzjoni Familja ordnat li dan il-fond jista' jintuza biss sabiex tirrisjedi fih l-intimata u uliedha;

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors;

Rad-digriet taghha tal-istess jum li bih laqghet it-talba provvizorjament, ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat bi zmien tmient (8) ijiem ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghas-27 ta' Gunju, 2024;

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Lulju, 2024, l-partijiet taw ruhhom b'notifikat bl-avviz ta' smiegh, bir-rikors promutur u bid-digriet provizorja;

Rat ir-risposta tal-intimata li bih cahdet li kriet il-fond lil-terzi u li ghalhekk ir-rikors ghandu jkun michud;

Rat id-dokumenti annessa mar-risposta;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri tal-partijiet u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi r-rikros thalla ghad-digriet *in camera*;

Ikkunsidrat:

**Fatti rilevanti:**

1. Illi mill-atti processwali, senjatament mir-rikors promutur, jemergi illi l-fond in kwistjoni jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'dan illi b'digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja tat-23 ta' Lulju, 2015 r-rikorrenti John Agius kien ordnat, *inter alia*, jghaddi c-cwievet tal-fond lil-intimata odjerna Jane Agius kif ukoll li ma jirrisjedi hadd fih hlief l-istess Jane Agius u ulied il-partijiet. Bir-rikors odjern, John Agius qieghed issa jallega li l-intimata kriet ta' dan il-fond lil-terzi bil-konsegwenza ta' pregudizzju ghad-drittijiet tieghu. L-intimata twiegeb ghal dan billi tichad li kriet il-fond lil-terzi u li fit-tentattiv taghha li tiskredita lir-rikorrenti fl-allegazzjoni tieghu fi proceduri separati meta jghid li jikri appartamenti ta' tlett kmamar tas-sodda gewwa l-Gudja ghall-€330 fix-xahar, qabdet agent tal-immobbli biex jirreklama l-fond in kwistjoni li vvaluta l-potenzjal lokatizju fl-ammont ta' €1,000.00 fix-xahar;

2. Illi mid-dokumentazzjoni ezebita, minkejja li r-rikorrenti jallega li l-kirja hjija "ikkonfermata mill-agent bl-isem Kelson mill-Agenzija Alliance (**Dok B)** u kif juri ukoll ir-reklam fuq il-pagna ta' l-agenzija Alliance stess", il-Qorti ma ghandha ebda tali dikjarazzjoni;

**Dritt:**

3. Illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza kopjuza in materja illi Qorti ma ghandiex takkorda l-hrug ta′ mandat ta′ inibizzjoni hlief jekk ir-rikorrent li jitlob il-hrug tal-mandat ta′ inibizzjoni juri li dan hu mehtieg ghal-preservazzjoni tal-jeddijiet tieghu b′mod illi c-cahda tieghu tkun tissarraf fi pregudizzju. Oltre dan jehtieg li jkun jidher fuq bazi *prima facie* li r-rikorrenti ghandu dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg rekwiziti jehtieg li jkunu prezenti flimkien tant illi n-nuqqas ta′ presenza ta′ wahda minnhom jkun fatali ghall-min qed jaghmel it-talba;

4. Illi fl-ezami u r-ricerka fil-fatti migjuba quddiemha ghad-decizjoni dwar iz-zewg rekwiziti appena elenkati, l-Qorti ghandha timxi b′mod sommarju tant li mhux mistenni minnha li tiehu konjizzjoni u tiddeciedi bl-istess mod mistenni mil-Qorti fil-kaz tal-kontenzjuz;

5. Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina u teddeciedi it-talba tar-rikorrenti fil-qafas legali appena mghoddi in rassenja;

**Jedd** ***prima facie*** **:**

6. Illi l-ghan tar-rikorrenti fl-otteniment tal-mandat ta' inibizzjoni minnu pretiz hu li jwaqqfu lill-intimata milli tkompli tikri dan il-fond lil terzi ghaliex dan qed johloq pregudizzju fil-konfront tieghu;

7. Issa, fir-risposta taghha li fil-maggior parti taghha hija inutili ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni hawn devoluta statne li hija biss rassenja tal-animozita' bejn il-partijiet dwar kwistjoni matrimonjali li jidher li ilha ghaddejja ghall anqas mis-sena 2015, l-intimat ma tichadx li dan il-fond deher fuq il-pagni ta' reklamar tal-agenzija msemmija mir-rikorrenti, izda tichad li kriet il-fond li jservi bhala l-uniku saqaf fuq rasha u uliedha. Tghid illi ghamlet hekk biex iggib prova tal-valur lokatizju tieghu biex tiskredita lir-rikorrenti fi proceduri separati, haga din li ma tantx tippresta kredibilita';

8. Illi minn dak li tista' tara l-Qorti mid-dokumenti esebiti, ma hemm ebda konferma li l-fond inkera. Kulma hemm huma ritratti ta' zewg persuni quddiem il-bieb miftuh ta' blokk appartamenti. Fl-ewwel lok, dak li sar, jekk sar, ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti ghaliex huwa l-poter taghha li twaqqaf milli ssir haga u mhux li tregga lura dak li sar li wara kollox huwa l-kompitu tal-Qorti fil-kontenzjuz. Issa, jidher illi

r-rikorrenti ghandu jekk x'jikkawtela tant illi kienet l-istess Qorti Civili Sezzjoni Familja li ddikjarat illi l-fond ma jista' jintuza minn hadd ghajr l-intimata. R-rikorrenti jista' jipprosegwi b'kawza kontra l-intimata kif ukoll kontra terzi sabiex jillibera l-fond mill-allegata kirja f'kaz li l-mandat jintlaqa. Il-Qorti hija konvinta li r-rikorrenti fuq bazi *prima facie* ghandu jedd x'jithares kif ravvizat u konsegwentement jirrizulta sodisfatt l-ewwel element;

**Pregudizzju:**

9. Illi kif osservat *supra*, mhux bizzejjed li jirrizulta wiehed biss mill-elementi mehtiega ghall-otteniment tal-mandat in disamina izda jehtieg li mieghu jezisti ukoll l-element ta' pregudizzju irreparabbli. F'dan ir-rigward, izda, l-element in disamina mhuhiex sodisfacentement pruvat. Ir-rikorrenti ma weriex kif jista' jkun irrimedjabilment pregudikat bl-allegata kirja meta ghandu diversi toroq legali ghad-disposizzjoni tieghu, dejjem jekk il-fond fill-fatt inkera lil-terzi;

**Decide:**

**Ghalhekk wara li rat l-atti kollha tar-rikors u semghet lill-partijiet, billi ma jirrizultawx l-elementi kollha ghal-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, filwaqt illi tichad it-talba tar-rikorrenti tirrevoka id-digriet taghha tat-18 ta' Gunju 2024 li**

**bih laqghet it-talba provizzorjament. Stante li dak li ta lok ghall-procedura odjerna huwa dovut ghall-azzjoni tal-intimata li tirreklama l-fond ma' agenzija, l-isepejjez ta' din il-procedura ghandhom ikunu sopportati ugwalment mill-partijiet.**

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

---

Nicole Cini

Deputat Reġistratur